**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 29 ta' Ottubru, 2019**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 439/2011**

**Daytona Enterprises Limited u**
**Profiles Hair Shop Limited**

**vs**

**John Zammit, Anna Zammit f'isimhom proprio u**
**Finance Management & Consultancy Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjetajiet attrici tat-3 ta' Mejju, 2011 li jghid hekk:

1. Illi ir-rikorrenti inkarigaw lill-intimat, u hu f'ismu jew min minnhom mill-intimati, accetta, sabiex jesegwilhom xoghol ta' accountant u servizzi relatati.

2. Illi fost il-mansjonijiet tieghu l-intimat kellu regolarment jipprepara ir-returns kemm lid-Dipartiment tal-Valur Mizjud (VAT), kemm lill-Kummissarju tat- Taxxi Interni, kif ukoll lill-Awtorita tas-Servizzi Finanzjarji (M.F.S.A.).

3. Illi l-intirnat, flok ma qeda l-inkarigu lilu fdat puntwalment, attwalment jew issottometta l-istess returns tardivament jew addirittura ma issottometta ebda returns u b'rizultat ta' dawn in-nuqqasijiet grossolani da parte tal-intimat fil-qadi tal-funzjonijiet u doveri tieghu, ir-rikorrenti spiccaw biex gew immultati mill-istess Dipartimenti u Awtorita u sallum huma, in konnessjoni mal-istess, gia hallsu is-somma ta' €24,577.29 kwantu ghall-3,111.16 in konnessjoni mas-socjeta Profiles Hair Shop Limited u kwantu ghall-bilanc ta' €21,466.13 in konnessjoni ma' Daytona Enterprises Limited u qeghdin jinnegozjaw maghhom sabiex jimminimizzaw kemm jista' jkun il-multi, penalitajiet u imghax ulterjuri.

4. Illi l-ammont li attwalment sejrin jinkorru ir-rikorrenti minhabba dan l-agir traskurat tal-intimat globalment sejjer jammonta ghal aktar mill-ammont reklamat f\din il-kawza u ghalhekk qed jaghmlu riserva espressa ghal kwalsiasi bilanc li sejjer ikollhom ihallsu minhabba in-nuqqasijiet tal-intimati.

5. Illi dan l-agir traskurat tal-intimat jew mm minnhom u l-inadempjenza tieghu jew ta' min minnhom fl-esekuzzjoni tal-inkarigu fdat, ikkawza danni ingenti lir-rikorrenti, huwa legalment skorrett u jmur kontra id-dettami professjonali kif ukoll kontra l-inkarigu moghti u liberament assunt konsistenti, dawn id-danni, fil-hlas tal-multi li gew imposti fuqhom inutilment, kif fuq spjegat, u fi spejjez accessorji.

6. Illi avolja l-intimat gie interpellat ghall-hlas ta' dawn id-danni huwa baqa' inadempjenti, sia pure li ammetta li kien sejjer ihallas almenu l-ammont hawn fuq indikat.

Jghidu ghalhekk l-intimati jew minn minnhom ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tiddikkjara u tordna [1] illi l-intimati jew min minnhom naqsu serjament fl-esekuzzjoni tad-doveri taghhom u naqsu milli jesegwixxi l-inkarigu relattiv fdat mir-rikorrenti, [2] illi konsegwentement huma responsabbli ghad-danni kagunati lir-rikorrenti, konsistenti fl-ammonti zejda rapprezentati minn multi u penali li gew inflitti fuqhom kif fuq spjegat oltre spejjez inkorsi in konnessjoni mal-istess, inkluz imghax li alterimenti ma kienx ikun hemm ghal fejn li jithallas [3] jigu likwidati d-danni sofferti mir-rikorrenti fis-somma globali ta' €24,577.29 jew somma verjuri, jekk hemm bzonn permezz tan-nomina ta' periti gudizzjarji, [4] tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu dawk id-danni hekk likwidati kwantu ghall-€3,111.16 lis-socjeta Profiles Hair Shop Limited, kwantu ghall-€21,466.13 lis-socjeta Daytona Enterprises Limited jew somom verjuri li jigu likwidati minn din il-Qorti - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

B'riserva ta' kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali kontra l-intimat u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-presenti kontra l-intimati u bl-imghax kontra l-intimati, kalkolati mid-data tal-presenti. L-intimati minn issa jibqghu ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok l-esponent prioprio u martu Anna Zammit ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante Ii ma humiex legittimi kontraditturi tat-talbiet attrici, billi t-talbiet attrici jikkoncernaw esklussivament servizzi ta' kontabilita (accounting), liema servizzi gew rezi lilhom esklussivament mis-socjeta intimata Finance Management & Consultancy Limited; I-esponent proprio kien u sa Ilum ghadu esklussivament awditur tas-socjetajiet rikorrenti, izda jidher illi s-servizzi ta' auditing minnu rezi lis-socjetajiet rikorrenti ma humiex mertu tat-talbiet attrici;

2. Illi l-pretizi tas-socjeta Profiles Hair Shop Limited huma inferjuri ghall-kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti, u ma tapplika ebda wahda mill-bazijiet provduti fl-art.161(3) Kap.12 sabiex il-kawzi rispettivi tas-socjetajiet rikorrenti isiru u jinstemghu flimkien, billi l-pretizi Ii s-socjetajiet rikorrenti ghandhom rispettivament fil-konfront tas-socjeta intimata ma huma konnessi bl-ebda mod u jirrikjedu provi differenti;

3. Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan billi la l-konjugi Zammit proprio u lanqas is-socjeta Finance Management & Consultancy Limited ma huma responsabbli ghad-danni lamentati mis-socjetajiet rikorrenti, sija ghaliex tali danni ma jissussistux u sija ghaliex kwalunkwe danni li effettivament jissussistu ma gewx ikkawzati mill-konvenuti izda mis-socjetajiet rikorrenti infushom u/jew minn terzi involuti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Is-socjetajiet attrici qeghdin ifittxu lill-konvenuti ghad-danni talli jinghad li naqsu milli jwettqu d-dmirijiet taghhom kif imiss fil-qadi tal-professjoni taghhom ta' *accountants* u dan konsegwenza ta' negligenza u nuqqas serju fl-ezekuzzjoni tal-obbligi taghhom. Dan in-nuqqas jinghad li kien jikkonsisti f'li ma hadux hsieb li jigu pprezentati r-*returns* jew gew prezentati tardivament, bil-konsegwenza li s-socjetajiet attrici wehlu multi u penali mposti mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, mid-Dipartiment tal-Valur Mizjud (VAT) u mill-Awtorita ghas-Servizzi Finanzjarji (MFSA). Kwindi s-socjetajiet attrici talbu dikjarazzjoni ta' responsabbilita u hlas ta' danni fl-ammont ta' €24,577.29 jew somma ohra verjuri li ghandha tigi likwidata minn din il-Qorti.

Il-konvenuti ressqu tliet eccezzjonijiet (i) li l-konvenuti John Zammit u Anna Zammit personalment mhumiex legittimi kontraditturi ghat-talbiet attrici peress li s-servizzi li l-atturi jilmentaw dwarhom kienu rezi mis-socjeta Finance Management & Consultancy Limited; (ii) il-pretensjonijiet tas-socjeta attrici Profiles Hair Shop Limited huma nferjuri ghall-kompetenza ta' din il-Qorti u ma japplikax l-Artikolu 161(3) tal-Kap. 12 sabiex il-pretensjonijiet tas-socjetajiet rikorrenti jinstemghu flimkien peress li mhux konnessi; u (iii) talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-konvenuti mhumiex responsabbli ghad-danni, liema danni gew ikkawzati mill-istess socjetajiet rikorrenti jew terzi nvoluti.

**Provi**

Din il-Qorti ser tislet l-aktar provi relevanti wara li qieset il-process voluminuz tal-kawza. Xehdet permezz ta' affidavit Antoniette Saliba f'isem is-socjetajiet attrici fejn tispjega li dawn jitmexxew minnha u minn zewgha Godfrey Saliba u li huma nkarigaw lill-konvenut Zammit sabiex jezegwixxi xoghol ta' *accountancy* u xoghol iehor relatat tas-socjetajiet rikorrenti u li effettivament ma kienx jinteressaha jekk huwa kienx iwettaq ix-xoghol personalment jew permezz tal-kumpannija. Fost il-mansjonijiet li kellu l-konvenut kien li jipprepara regolarment ir-*returns* tal-VAT, tat-Taxxi interni u tal-MFSA, mentri r-rikorrenti ma kienx jaqdi l-inkarigu lilu fdat puntwalment, tant li jew issottometta l-istess *returns* tard jew sahansitra jinghad li ma ssottometta xejn, bil-konsegwenza li gew immultati u hallsu s-somma ta' €24,577.29, in kwantu ghal €3,111.16 in konnessjoni mas-socjeta Profiles Hair Shop Limited u kwantu ghall-bilanc ta' €21,466.13 in konnessjoni ma' Daytona Enterprises Limited, ghalkemm dahlu f'negozjati biex kemm jista' jkun jigu minimizzati l-multi, penalitajiet u imghax ulterjuri. Tispjega li meta tilfet il-fiducja fil-konvenut, hija ssospendietlu l-inkarigu tieghu u inkarigat *accountant* iehor sabiex ikompli x-xoghol mehtieg izda dan sab matassa shiha fosthom rekords hziena, formoli li suppost intbaghtu izda qatt ma ntbaghtu, u *returns* li qatt ma gew iffirmati minnhom.

Dan meta hija tikkontendi li suppost kellha rasha mistrieha li l-konvenut bhala professjonist responsabbli, kien qieghed jiehu hsieb l-affarijiet peress li hija kellha fiducja ghamja fih u kienet thallas kull meta kien jitlobha. Tishaq li bl-agir traskurat tal-konvenut is-socjetajiet attrici baghtew danni ngenti u ghalkemm gibditlu l-attenzjoni sabiex jirranga l-affarijiet u l-konvenut kien jghidilha biex iserrah rasha, baqghu fl-istess bahar u ghalhekk kellhom jipproccedu bil-kawza odjerna. Tghid ukoll li ghalkemm talbu lill-konvenut li jaghtihom lura dokumentazzjoni bhal kuntratti ta' bejgh ta' vetturi li kellhom bzonn, dan baqa' inadempjenti u ghalkemm verbalment qalilhom li kien lest jaghmel tajjeb ghal dawk id-danni li baghtew minhabba l-agir tieghu, baqghu ma rcevew xejn minghandu. Tispjega wkoll li sabiex halsu certu ammonti lid-dipartimenti, huma kellhom jisselfu l-flus, altrimenti l-likwidita taghhom kienet tispicca kompletament u li fuq dawn l-ammonti qeghdin jehlu l-imghax, li hija tippretendi li ghandu jithallas ukoll bhala parti mid-danni li garrbu. Tilmenta li ftit mid-dokumentazzjoni li rnexxielhom jiehdu lura minghand il-konvenut, billi rtiraw dak li l-

konvenut kien iddepozita taht l-awtoritatal-Qorti u li dan l-agir kompla aggrava s-sitwazzjoni taghhom.

Saliba ssostni li qeghdin flimkien mal-*accountant* il-gdid taghhom jippruvaw jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom. Inoltre ghalkemm il-konvenut kien qal li kien ghad jonqos li jithallas bilanc ta' flus, ghalkemm mitlub li jaghti rendikont ta' dan il-bilanc, dan baqa' ma nghatalhomx, minkejja li kienu disposti li jhallsu dak li seta' kien dovut u sussegwentement il-konvenut qalilhom li ma riedx flus ghaliex ried jikkopera maghhom. Din ix-xhieda hija kkonfermata mir-ragel taghha Godfrey Saliba.

Xehdu diversi rapprezentanti tad-dipartimenti tal-Gvern, fosthom John Micallef, in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, li waqt is-seduta tal-21 ta Novembru, 2011, ipprezenta dokumenti li minnhom jirrizulta li fil-kaz ta' Daytona Enterprises Limited (minn hawn 'il quddiem imsejha Daytona), din is-socjetainkorriet taxxa addizjonali fuq taxxa provizjorja u taxxa addizzjonali ghal *return* mibghut tard fis-snin ta' stima 2005, 2007, 2008, 2009 u 2010, fl-ammonti ta' €2522, €728, €815, €595 u €3036 rispettivament (Dok. JM1). Filwaqt li fil-kaz ta' Profiles Hair Shop Limited (minn hawn 'il quddiem imsejha Profiles), din inkorriet taxxa addizzjonali ghal *return* li ntbghat tard jew ma ntbghatx fis-snin ta' stima 2005, 2006, 2007, 2008, 2009 u 2010, fl-ammonti ta' €279, €46, €46, €46, €50 u €50 rispettivament (Dok. JM2).

Micallef rega' xehed waqt is-seduta tal-14 ta' Frar, 2012, fejn filwaqt li esebixxa l-*income tax returns* tas-socjetaDaytona Enterprises Limited tas-snin 2003 sal-2010, u tas-socjeta Profiles Hair Shop Limited tas-snin 2005 sal-2010, spjega li f'kaz ta' socjetajiet kummercjali, l-persuni responsabbli li jimlew u jissottomettu r-*returns* tat-taxxa huma d-diretturi taghhom bhala rapprezentanti tal-istess u lilhom jintbaghtu r-*returns* u d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa. Jinghad ukoll li r-*returns* tas-socjeta Daytona bejn is-sena ta' stima 2003 u dik tal-2009 saru minn John Zammit, filwaqt li ma dahlux *returns* ghas-snin 2010 u 2011. Fil-kaz ta' Profiles Hair Shop, John Zammit dahhal ir-return sena ta' stima 2005, filwaqt li Louiselle Pace Gouder hadet hsieb is-snin 2006 u 2007, mentri d-Dipartiment ma rcieva xejn ghas-snin 2008 sa l-2011. Fil-25 t'Ottubru, 2010, Joseph Dingli gie awtorizzat li jagixxi bhala rapprezentant tat-taxxa ghal Daytona Enterprises Limited, u Louiselle Pace Gouder kienet awtorizzata

tirrapprezenta lil Profiles Hair Shop Limited, ghal skopijiet ta' taxxa, kif jirrizulta mid-dokumenti u korrispondenza ohra esebita in atti.

In kontro-ezami John Micallef esebixxa zewg dokumenti (Dok. JM3 a fol. 818 u 819 tal-process) fejn jirrizultaw il-penali li effettivament thallsu miz-zewg socjetajiet attrici in konnessjoni ma' denunzji li saru tard, li fil-kaz ta' Daytona jammontaw ghal €4,447 u fil-kaz ta' Profiles jammontaw ghal €278 (relativament ghaz-zmien li kien inkarigat John Zammit).

Min-naha tad-dipartiment tal-VAT xehed Roberto Formosa, spettur tal-VAT li dahal fil-mertu tal-problemi tas-socjetajiet attrici wara li dawn gew rinfaccati b'mandat ta' sekwestru. Huwa pprezenta rendikont (esebiti bhala Dok. RF1 u RF2 fol. 62 sa 66 tal-process) li fil-kaz tas-socjeta Daytona jirrizulta elenku li jibda mill-1 ta' Jannar, 1999 u jibqa' sejjer sal-ahhar tas-sena 2011, li jindika kemm giet dikjarata taxxa, kemm hija l-istima ta' taxxa ghal kull perjodu ta' tliet xhur, jekk kienx hemm multa relatata ma' kul perjodu indikat, multi relatati mal-kazijiet fejn ir-*return* tkun dahlet tard, l-interessi li gew komputati, xi thallas u x'refunds inghataw u n-numru ta' xhur fejn *return* tkun dahlet tard mid-*due date* sakemm eventwalment giet mibghuta. Mistoqsi min kienet il-persuna nkarigata li tissottometti r-*returns,* ix-xhud jispjega li normalment il-prattika hija li d-diretturi jehduhom, izda ma kienx f'posizzjoni li jghid min kienet il-persuna nkarigata li ddahhal ir-*returns* f'dan il-kaz. Ix-xhud jispjega li l-ewwel darba li ltaqa' mad-diretturi tas-socjetajiet attrici flimkien mal-awditur taghhom, kien wara li d-Dipartiment hareg mandat ta' sekwestru fejn infurmahom li l-problema kienet li kellhom bosta rregolaritajiet, fosthom denunzji mhux mibghutin. Ix-xhud jghid li filwaqt li d-diretturi tas-socjetajiet attrici kienu jidhru rrabbjati peress li konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru kellhom jaqtghu hesrem vaganza fil-qosor meta kienu msefrin l-Amerika, il-konvenut deher inkwetat u ftit li xejn tkellem. Dan minkejja li Antoinette Saliba kkonfrontat lill-konvenut quddiem ix-xhud fis-sens kif kien jghidilhom li kellhom kollox sew mentri rrizultaw dawn il-problemi.

In kontro-ezami Formosa jispjega li meta jsir hlas, minnu dan l-ewwel ma jinqatghu jkunu l-kontijiet antiki u ma tinghatax multa izda l-imghax jibqa' ghaddej fuq l-ammonti approprjati. Ix-xhud jispjega li fil-kaz ta' Daytona ghall-perjodu 1/2/1999 ma

ntbaghtitx return u b'hekk id-dipartiment hareg *estimated assessment* li tkun ibbazata fuq l-*annual turnover* tat-taxpayer*.* Fuq dik l-istima jibdew ghaddejjin l-imghaxijiet sakemm ikun hemm denunzja proprja, meta mbaghad jithassru l-istima u l-imghax jigi komputat kif suppost fuq l-ammont dikjarat. Kwindi meta jidhol pagament sussegwenti jinqatghu mit-taxxa dovuta u ladarba dahlu l-flus, l-interessi fuqhom jieqfu, mentri l-penali tigi imposta ghall-fatt li *return* tkun iddahlet tard (Ara Dok. MCH1 a fol. 185 tal-process). Dan kollu kellu effett fuq il-hlasijiet li saru sussegwentement, peress li tul is-snin gew jidhru li sar hlas inqas milli kien dovut, b'hekk Daytona wehlet *short payment penalty* fit-totali ta' €8,861.19 (ara Dok. RF2 a fol. 62) tal-process. Dan minghajr wiehed ma jikkonsidra l-iskema li bbenefikaw minnha s-socjetajiet attrici. Relevanti wkoll huwa Dok. MCH2 (a fol. 188) fil-konfront ta' Daytona li fi kliem l-istess xhud minnu jirrizulta kemm kienu l-*late return penalty*, *short payment penalty*, l-interessi, kemm attwalment thallas, kemm sar pagament minhabba l-iskema, kemm tnaqqsu multi u interessi bl-iskema u multi u interessi li tnehhew.

Rega' xehed Roberto Formosa in kontro-ezami fid-9 ta' Dicembru, 2013, fejn esebixxa numru ta' dokumenti, fosthom Dok. MC1 elenku ta' dak li rrizultalu bhala workings tad-Dipartiment kemm fil-konfront ta' Daytona, kif ukoll fil-konfront ta' Profiles. Dok. MC2 jirrifletti l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni ta' Profiles fis-sena 2004. Ir-return l-antika tas-16 ta' Gunju, 1999 ta' Daytona dwar l-istima li ma kenitx sottomessa hija Dok. MC3, filwaqt li Dok. MC4 hija sample ta' stima ta' taxxa li tohrog mid-dipartiment. Minn Dok. MC5 jirrizulta kif il-hlasijiet li saru gew assorbiti tul iz-zmien. Fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2014, Roberto Formosa esebixxa numru ta' dokumenti li minnhom jirrizulta li wara li harget l-iskema fil-Budget 2012, id-Dipartiment bghat lil Daytona l-*options* li kellha sabiex thallas il-bilanc dovut minnha (Dok. AX1); l-ircevuti li minnhom jirrizulta li Daytona ghazlet l-ewwel *option* (Dok. AX2 a fol. 242 tal-process); rendikont ta' kif gew imnaqqsa l-ammonti dovuti bis-sahha tal-imsemmija skema (Dok. AX3); u rendikont li hareg ftit wara li juri li baqghu jsiru l-hlasijiet sabiex il-bilanc gie zero (Dok. AX4). Hekk ukoll fil-kaz ta' Profiles minn Dok. AX5 jirrizulta li din inghatat ukoll l-ghazla kif permezz tal-iskema setghet taghmel uzu minn tnaqqis sostanzjali fi hlas ta' penali u interessi, kemm-il darba thallas it-taxxa dovuta fil-perjodu hemm indikat.

Connie Azzopardi wkoll xehdet in rapprezentanza tal-istess dipartiment tal-VAT, din id-darba mill-ufficju tas-sezzjoni legali tal-istess dipartiment. Hija pprezentat elenku ta' dawk il-kazijiet fejn kienu hargu letters to prosecute fil-konfront ta' Daytona ghan-nuqqas taghha li tipprezenta r-*returns* tal-VAT. Kien hemm seba' kazijiet b'kollox bejn il-perjodu 1999 u l-2010 (Dok. CA1 a fol. 220 tal-process), izda filwaqt li fil-kaz tas-sena 1999 kien hemm "*return submitted, charge not issued*", ghall-perjodu 2002 sa 2008 kienu kazijiet fejn wara li hargu c-charges, dawn gew irtirati peress li jirrizulta li r-*return* tkun saret fil-mori tal-proceduri, izda qabel is-smigh tal-kawza kriminali. Fil-fatt mill-istess elenku jirrizultaw: "*Withdrawn - returns submitted*". L-ahhar kaz li kien jitratta l-perjodu 2008-2010, ma kenux lahqu harrkuhom peress li kienu dahlu r-*returns* qabel. L-istess gara fil-kaz ta' Profiles, b'dan illi din id-darba kien hemm zewg kazijiet fejn kienu hargu c-*charges*, wahda li kienet tkopri perjodu tas-sena 2007, u l-ohra li kienet tkopri perjodu bejn is-sena 2010 u 2011, fejn ukoll jirrizulta li dawn gew irtirati jew "Withdrawn- returns submitted" (Dok. CA2 a fol. 221 tal-process). Regghet xehdet Connie Azzopardi fejn esebiet estratt (ukoll immarkat Dok. CA2 izda din id-darba a fol. 268 tal-process) li minnu jirrizulta li fuq in-nuqqas li rrizulta fid-denunzja tas-sena 1999, Daytona kellha thallas €3,120.86 bhala *late return penalty* u €1,200.18 bhala interessi. Ir-return f'dan il-kaz dahlet fil-15 ta' Awwissu, 2010 u dan minghajr hlas (ara Dok. AX6 a fol. 254).

Xehdet Dr Claudette Fenech in rapprezentanza tal-MFSA, li esebiet zewg dokumenti Dok CF1 u Dok. CF2 li minnhom jirrizultaw l-multi u taxxi addizzjonali li gew imposti fuq iz-zewg kumpaniji Daytona Enterprises Limited u Profiles Hair Shop Limited u li kien hemm pendenti l-bilanc ta' €2,786.09 ghal Profiles u €693.04 ghal Daytona. Dawn il-multi gew imposti ghal *returns* li ma gewxipprezentati jew *returns* li gew prezentati tard.

Romina Cassar, habiba tal-konjugi Saliba xehdet li hija kienet tghinhom fix-xoghol t'amministrazzjoni taghhom. Kienet taf li l-konvenut John Zammit jassisti liz-zewg socjetajiet attrici fl-affarijiet tal-accounts u li jiehu hsieb l-affarijiet taghhom peress li kienet tehodlu fl-ufficcju tieghu korrispondenza u dokumenti fosthom tal-VAT, li kienet taghtiha Antoinette Saliba. Gieli kienet tinzerta tkun prezenti waqt telefonata li

taghmel Antoinette Saliba u kien jghidilha biex ma tinkwetax. Tispjega wkoll li gieli kienet tkun prezenti flimkien mal-konvenut meta kienu jiccekkjaw l-istock tal-karozzi, fejn kienet tghaddilu l-informazzjoni dwar karozzi li jkun nxtraw u kif tpartu.

Rose Galea, li tigi oht Godfrey Saliba, taf li l-konvenut John Zammit kien l-*accountant* ta' huha u li hija meta saret taf bl-avviz fil-gazzetta dwar il-flus kollha li kellu jaghti huha lid-dipartiment tal-VAT kellmet lil huha u lill-mara tieghu li ma kienu jafu xejn dwar l-imsemmi avviz. Meta kellmu lill-konvenut quddiemha qalilhom li din ma kienet xejn u wara qalilhom li rranga kollox. Izda madwar gimghatejn wara saret taf li l-bank kien iffrizalhom kollox u huha u l-mara kellhom jigu lura mill-Amerika u qatghu l-vaganza taghhom fil-qosir minhabba dan il-fatt.

Xehdet Lesley Ann Saliba, li tigi bint il-konjugi Saliba li wkoll kienet taf lill-konvenut John Zammit bhala l-persuna li kienet tiehu hsieb l-*accounts* u l-affarijiet ohra li kien ikollhom bzonn. Hija spiss kienet tkun prezenti meta l-genituri taghha jiltaqghu mal-konvenut u li kienu jghaddulu l-karti kollha li jircievu li kien ikollhom bzonn li l-konvenut jiehu hsieb, mentri l-konvenut dejjem kien jassikura lill-genituri taghha li ma kienx hemm problem u li huwa kien ser jiehu hsieb kollox, kif ukoll meta kien jitlobhom xi pagament, il-genituri taghha kienu jhallsuh. Dwar l-episodju tal-gazzetta meta l-genituri taghha baghtu ghall-konvenut ghaliex kienu verament imhassbin, tiddeskrivi lill-konvenut bhala kalm, li tahom assikurazzjoni li kien ser isolvi kollox u talabhom cekk (li l-ammont tieghu ma kienx paragunabbli mal-ammont li ssemma fil-gazzetta) sabiex huwa jiehu hsieb kollox. Ix-xhud tispjega li wara dan l-episodju ommha cemplet lill-konvenut, biex issaqsi hux kollox sew u xi xahar wara li kien minghaliha li kollox sew, il-genituri taghha siefru l-Amerika, izda wara gimgha gew infurmati li kellhom kollox iffrizat, inkluz il-*cards* tal-bank u ma setghu jaghmlu xejn u ghalhekk kellhom jigu lura. Il-manager tal-bank infurmahom li kellhom jiffrizaw kollox minhabba xi problema mad-Dipartiment tal-VAT. Hekk kif gew lura cemplu lill-konvenut sabiex imorru flimkien ikellmu lil tal-VAT u l-genituri taghha riedu jkunu prezenti peress li issa ma kenux qeghdin jafdaw lill-konvenut. Ix-xhud tishaq li l-genituri taghha kienu jaghtu lill-konvenut kull ma kien jitlobhom. Tispjega li meta l-konvenut gie d-dar taghhom kien jidher prejokkupat u ammetta li jekk kien hemm xi danni konsegwenti ghal xi affarijiet li kellu jaghmel li ma sarux, jew multi li kienu tort

tieghu, huwa kien lest li jhallas ghad-danni. Izda meta missierha talab li din l-istqarrija ssir bil-miktub huwa talab zmien peress li ma kellux flus u meta nghataw appuntament ghand l-avukat, ghalkemm ippruvaw jikkuntatjaw lill-konvenut, dan baqa' ma wegibx. In kontro-ezami, x-xhud tinsisti li l-konvenut kellu wkoll l-inkarigu li jiehu hsieb il-*payslips* tal-haddiema u l-hlas tal-bolol tal-haddiema.

L-*accountant* Joseph Dingli kien inkarigat mill-konjugi Saliba sabiex idur id-Dipartimenti tal-VAT u tat-Taxxi Interni, sabiex jara x'kien hemm nieqes bhala dokumentazzjoni u hlasijiet li kellhom isiru, sabiex igibu kollox in regola. Huwa xehed li rrizultalu li:

a. Fil-kaz ta' Daytona, il-VAT returns bejn l-2002 u l-2010 kwazi kollha saru tard, uhud minnhom anke numru ta' snin tard, bil-konsegwenza li Daytona wehlet il-multi fl-ammont totali ta' €33,457.11 ghall-perjodu bejn l-1 ta' Frar, 2002 u l-31 ta' Lulju, 2010, izda wara li bbenefikat mill-iskemi ta' tnaqqis, effettivament hallset €32,604.02 ghall-istess perjodu (ara Dok. JD1 a fol. 125 tal-process). Nuqqas iehor riskontrat minnu li ma kellux impatt fuq il-multi imposti, kien li l-VAT returns ghall-perjodu Frar sa April 2010 u Mejju sa Lulju, 2010, il-figuri tas-sales tnizzlu bhala *nil* meta mir-registru tal-bejgh ta' karozzi rrizulta li kien hemm xi transazzjonijiet;

b. Fir-rigward tal-MFSA, konsegwenza ta' *audited accounts* li ma gewx sottomessi jew li baqghu pendenti minhabba xi korrezzjonijiet mehtiega, il-multi huma fl-ammont ta' €2,975.29 ghall-istess perjodu 2002 sa 2010, filwaqt li l-annual return tas-sena 2005 baqghet ma ntbaghtetx;

c. Fil-kaz tal-*income tax returns,* dik tas-sena 2004 saret sena u sitt ijiem tard, dik tas-sena 2006 saret gimgha tard, dik tas-sena 2007 saret erba' xhur u tmint ijiem tard u tas-sena 2008 saret erba' xhur u tlieta u ghoxrin gurnata tard, bil-konsegwenza li l-multi li wehlet is-socjeta attrici fl-ammont ta' €4,660, gew ridotti ghal €699.

d. Irrizultalu wkoll li fil-kaz ta' Profiles, li kienet tinnegozja fil-qasam tal-*hairdressing,* FS3s u FS7s ghas-snin 2002 sa 2009 ma ntbaghtux, filwaqt li l-pagamenti ghas-snin 2002 u 2004 sa 2009 ma sarux, bil-konsegwenza li wehlet multi ta' €2150 li kellha thallas minghajr beneficcju ta' skema ghall-perjodu 2002 – Jannar 2006 u €939.53 ghall-perjodu Frar 2006 sa Dicembru 2009 bis-sahha tal-iskema, total ta' €3,089.53;

e. Fil-kaz ta' numru ta' VAT returns ta' Profiles saru tard, bil-konsegwenza li Profiles wehlet multi u interessi fl-ammont ta' € 604.35;

f. Kien hemm l-audits u l-income tax returns ta' Profiles ghas-snin 2005 sa 2008 ma sarux, bil-konsegwenza li l-multi imposti sas-sena 2006 kienu ta' €558, b'dan illi kien ghad iridu jigu komputati l-multi ghas-snin 2007 u 2008;

g. Profiles wehlet multi wkoll mill-MFSA peress li ma dahlitx l-audited accounts ghas-snin 2005 sa 2009, li telghu fl-ammont ta' €1,615.28;

h. Godfrey Saliba kien jinnegozja wkoll proprjetabi shab ma' Daytona f'ishma ugwali ta' 50% kull wiehed u peress li ma kenux intbaghtu returns tat-taxxa, inkluz l-iskedi tal-qliegh kapitali, saret investigazzjoni fuqu personali mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u wara li dahlu fi skema, l-multi u l-imghaxijiet li thallsu minnu personalment, in konnessjoni mal-qliegh kapitali tieghu kienu ta' €5,216;

i. Fir-rendikont moghti minn dan ix-xhud jirrizulta li, qeghdin jintalbu l-ammonti ta' €1,770 ghal darbtejn bhala *professional fees* dovuti lilu ghal kull socjeta attrici minhabba xoghol relatat mal-kawza odjerna. L-ewwel somma ta' €1,770 jinghad li thallsu lilu minn Godfrey Saliba, filwaqt li jinghad li t-tieni fattura kellha ssir lil Daytona.

j. Ix-xhud isemmi wkoll li kellhom jittiehdu zewg *loans* minn Lombard Bank sabiex ikunu jistghu jithallsu l-multi bil-beneficcju tal-iskema, u li fuq dan is-self qeghdin ihallsu l-imghaxijiet lill-Bank;

k. Ghalkemm ix-xhud ma xehedx dwarhom, fir-rendikont maghmul minnu nkluda multi fl-ammont ta' €744 imhallsa minn Leslie Ann Saliba in konnessjoni man-nuqqas li jintbaghtu Income Tax returns ghas-snin 2004 sa l-2009.

B'hekk mir-rendikont maghmul minn Joseph Dingli jirrizulta li s-somma totali ta' multi tlahhaq €51,645.57 (ara dokument a fol. 131 tal-process).

Meta xehed in kontro-ezami fid-9 ta' Gunju, 2014, Joseph Dingli pprezenta rapport aggornat (Dok. JD2 a fol. 279 tal-process) wara li gew finalizzati l-kalkoli tad-Dipartiment tal-VAT, li minnu jirrizulta li l-ammont taht il-partita ittra (a) ghandu jigi rivedut minn €32,604.02 ghal €33,902.35, li tirraprezenta t-totali ta' *late return penalty* ghad-denunzji li gew pprezentati xhur tard fiz-zmien li kien jahdem il-konvenut John Zammit*, short payment penalty and interests* fil-konfront ta' Daytona. Dan ix-xhud ma dahalx fil-kwistjoni ta' min kien responsabbli peress li jikkoncedi li

seta' kien il-kaz li l-VAT *return* ma tkunx tlestiet u allura c-cekk ma jkunx inhareg, jew ukoll li l-VAT *return* tkun tlestiet, izda c-cekk ma jkunx inhareg, li huwa ma setax jghid meta effettivament saret ir-*return.* Fil-kaz tal-penali mposti mill-MFSA (b) mistoqsi jekk kienx possibli li r-return kienet tkun lesta u kienu s-socjetajiet attrici li naqsu li jdahhluhom, Dingli jghid li huwa ma kellux mezz li jkun jaf min dahhal ir-*return* l-MFSA, biss jekk tkun dahlet xi return li ikun mehtieg li ssir xi korrezzjoni fiha, din tintbghat lill-awditur sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega. Dwar il-partita (c) li tittratta *income tax returns* li dahlu tard, ix-xhud jinsisti li huwa kien qieghed jaghti rendikont li kien jirrifletti stat ta' fatt. Fir-rigward tal-partita (e), hawn ukoll, wara li gew finalizzati l-kalkoli tad-Dipartiment tal-VAT, irrizulta li l-ammont taht din il-partita ghandu jigi rivedut minn €604.35 ghal €702.25, (Dok. JD2) li tirraprezenta t-totali ta' penali u interessi ghall-perjodu li fih kien jahdem il-konvenut John Zammit*,* fil-konfront ta' Profiles. Fix-xhieda tal-14 ta' Ottubru, 2014, ix-xhud jishaq li l-inkarigu tieghu kien wiehed li jistharreg il-figuri u mhux li jistabilixxi tort u li l-klijenti gharrfuh li kull meta l-konvenut talabhom hlas, huma hallsu.

Xehed Godfrey Saliba in kontro-ezami, fejn jispjega li hu u l-mara huma d-diretturi ta' Daytona li ghandha negozju ta' karozzi *second hand* u bini, filwaqt li Profiles hija socjetali hija responsabbli ghaliha l-mara tieghu bhala direttur, li hija wkoll *hairdresser.* Jixhed li l-ewwel kien jahdem mal-*accountant* Joe Gauci, u jikkoncedi li dan ma kien ghadda ebda dokumenti lill-konvenut. John Zammit kien jahdem fuq il-karti li kienu jghaddulu huma. Jichad li huma kellhom problema ta' *cash flow* jew li kellhom xi *call in* mal-Bank peress li hu meta xtara l-proprjetadan ghamlu bi flus tieghu. Lanqas kellu problemi mal-konvenut Zammit, meta kien icempillu kienu jiltaqghu. Jiftakar li kien hemm zmien meta l-konvenut qalilhom biex iwarbu xi flus (madwar tlettax-il elf lira Maltin) sabiex ihallsu t-taxxi u li huwa wrieh il-karozzi u qallu wkoll li kellu proprjetabiex taghmel tajjeb u li ried lill-konvenut jiehu hsieb peress li ma riedx ikollu dejn. Kien isaqsi lill-konvenut jekk hux kollox kien sew, u sabiex jiehu hsieb l-affarijiet taghhom. Jichad li kien jircievi tahrikiet mill-Qorti regolarment, izda darbtejn biss u meta kien jircievi l-karti mid-Dipartiment, huwa kien jghaddihom lill-konvenut li kienu jghidlu li ma kienx hemm problemi u li kienu ser jiehu hsieb hu. Jichad li kienu jaghtu l-karti u l-flus sabiex jithallsu r-*returns* lill-konvenut tard, jew li joqoghdu jistennew it-tahrika tal-VAT sabiex jaghtu l-istruzzjonijiet lill-konvenut

sabiex idahhal dawn id-denunzji. Jispjega li kienet il-mara tieghu l-aktar wahda li ssegwi l-affarijiet relatati ma denunzji u hlasijiet ta' taxxa u tal-VAT, izda jichad li kellhom problema ta' likwiditata' flus.

Gew esebiti seba' cekkijiet li nhargu tul is-snin minn Daytona lill-konvenut John Zammit, lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u lid-Dipartiment tal-VAT. Gew esebiti wkoll zewg ittri mahruga mill-banek HSBC u Lombard li fihom jinghad li l-konjugi Saliba, Daytona u Profiles ma kellhom ebda problemi mal-banek.

Antoinette Saliba in kontro-ezami tispjega li l-laqghat li kien ikollha mal-bank u l-*accountant* taghhom kienu laqghat normali dwar il-finanzjament tan-negozju taghhom. Hija kienet tinsisti mal-konvenut li jkollhom l-affarijet sew u hi kienet tafdah bhala bniedem ta' professjoni. Tixhed li meta tharrku quddiem il-Qorti minhabba l-VAT, it-tort kien tal-konvenut li kien bghat id-denunzji u l-flus tard u nsistiet mieghu li ma tergax issir ghaliex ma kellhiex hin x'tahli. Hija kienet tibghatlu l-karti hekk kif tircevihom u thallas malli jitlobha l-hlas il-konvenut izda tichad li kellhom sistema li jistennew tahrika qabel ma jhallsu. Tikkoncedi li l-konvenut kien gharrafha li kien hemm kont pendenti ta' madwar hdax-il elf lira Maltin ta' taxxa, li qalilha wkoll li ma kienx hemm ghaggla ghalihom u peress li kienu ghadhom kemm bnew blokk t'appartamenti, hija qaltlu li malli jbieghu l-ewwel flat, ihallsuh, izda tichad li kienet taf bil-bilanc ingenti, li kien jinkludi hafna interessi dovut lid-Dipartiment tal-VAT li fuqu nhareg il-mandat ta' sekwestru. Tichad li kienet thalli xi karti pendenti ghandha, izda tinsisti li kienet tibghat kollox lill-konvenut u saret taf li kien hemm xi dokumenti bin-nuqqas ta' firem pendenti ghall-MFSA wara li nqalghu l-problemi mal-konvenut. Ipprezentat rendikont aggornat inkluz numru ta' ircevuti (Dok. AS1 a fol. 362 *et seq* tal-process) ta' penali u interessi li fil-fehma taghha wehlu s-socjetajiet attrici, fi zmien li kien jiehu hsieb ix-xoghol taghhom il-konvenut John Zammit, fejn hemm indikat total ta' €52,212.66, li jinkludi l-interessi li hallsu lill-Bank sabiex jithallsu l-multi u l-interessi tat-taxxa u tal-VAT, sabiex b'hekk ghamlu uzu mill-iskemi tal-Gvern sabiex jiffrankaw mill-hlas ta' multi u interessi addizzjonali.

Issejhu sabiex jixhdu numru ta' rapprezentanti tal-Bank HSBC, li tul is-snin kellhom kuntatt mal-konjugi Saliba fir-rigward ta' Daytona, fosthom Lawrence Pace, illum il

gurnata *Relationship Manager*, li xehed fis-sens li ma kienx hemm problemi partikolari. Dennis Gravina, *Area Commercial Manager*, xehed li jiftakar li kien hemm cirkostanzi fejn it-thaddim tal-kont kien jimmerita attenzjoni, izda jixhed li qatt ma kien hemm *call in.* Ix-xhud esebixxa diversi dokumenti u *statements* tal-bank, f'isem Daytona u f'isem il-konjugi Saliba (Dok. DG1 u Dok DG2). Joyce Grech li kienet *Relationship Manager* ta' Daytona fil-perjodu 2002-2003, tixhed li tiftakar li l-konjugi Saliba kellhom *overdraft facilities* ghan-negozju taghhom tal-karozzi u tal-*hairdressing*, u kellhom xi self ukoll relatat man-negozju ta' proprjeta. Kien ikollha laqghat mal-konjigi Saliba dwar l-andament tal-kont, peress li kien hemm xi ftit problemi billi jhaddmu l-kont vicin il-limitu, gieli qabzu l-limitu jew mhux dejjem hallsu pagamenti tas-self meta suppost hallsu u allura kienu jiddiskutu soluzzjonijiet, izda qatt ma ghamlu *call in*. Tiftakar li l-konvenut Zammit gieli kien ikun prezenti ghal dawn il-laqghat, izda mhux dejjem. Ix-xhud tispjega li huma kienu jqassmu l-kontijiet f'kategoriji minn 1 sa 6 u ma jaqbdux u jaghmlu *call in* sakemm l-affarijiet ma jkunux serji tant li ma jkunx hemm soluzzjonijiet ghall-problemi. Spiss kien jigri li l-klijenti kienet tinqalalhom xi problema, izda kienu jsolvuhom. Illum il-kont in kwistjoni jahdem f'kategorija normali, izda kien hemm zmien fejn il-kont kien jahdem f'kategorija numru 5, li jindika li kien hemm problemi mhux hazin, peress li f'kategorija numru 6 gieli jibdew jittiehdu l-passi legali jew jibdew jikkunsidraw li jaghmlu *call in*, izda qatt ma waslu ghal dan l-istadju f'dan il-kaz. Ghalhekk kienu jsiru l-laqghat sabiex jifthu ghajnejn il-klijenti. Victor Muscat ukoll kien *Commercial Relationship Manager* ghas-sinjuri Saliba bejn is-snin 2006 u 2010, li wkoll xehed li ma kienx hemm xi problemi partikolari fuq il-kont in kwistjoni. Jispjega li n-negozju ta' bejgh ta' karozzi huwa pjuttost kajman u l-*overdraft facility* kienet ta' madwar Lm50,000 u wara kien hemm talba ghal self in konnessjoni ma' zvilupp ta' proprjetali ntlaqghet. Qatt ma kien hemm talba ghal *call in* sakemm huwa kien responsabbli minn dan il-kont.

Xehdet permezz ta' affidavit il-konvenuta Anna Zammit, li tghin lir-ragel taghha John Zammit fuq bazi *part-time* fil-qasam segretarjali u dan billi ddahhal id-dokumenti l-MFSA, inkluzi l-*annual returns,* taghmel xoghol ta' typing u ccempel lill-klijenti sabiex tfakkarhom jaghmlu l-hlasijiet ghall-ispejjez tal-kumpannija taghhom u ghax-xoghol taghhom. Kull sena kienet tibghat l-*annual returns* tal-klijenti kollha, inkluz tas-

socjetajiet attrici sabiex jiffirmawhom u jibaghtuhom lura. Flimkien maghhom kienet tibghat *covering letter* li permezz taghha tispjega l-ispejjez ta' l-MFSA u tal-*fees* taghhom, fejn tispjega wkoll l-multi horox jekk ma jsirx il-hlas, kif ukoll *self addressed envelope* sabiex tiffacilita l-process. Ma tafx li kien hemm xi *annual return* tal-MFSA ta' Daytona jew ta' Profiles li ma dahlitx fiz-zmien u tghid ukoll li l-*fees* taghhom kienu jithallsu permezz ta' cekkijiet.

Il-konvenut John Zammit ukoll xehed permezz ta' affidavit fejn jirrileva li ghalkemm it-talbiet attrici kienu bbazati fuq multi, penali u imghaxijiet relattivi ghal *returns* li kienu dahlu tard fid-Dipartiment tal-VAT, lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u l-MFSA, fir-rapport tal-awditur *ex parte* Joe Dingli, iddahlu wkoll multi li l-konjugi Saliba wehlu fuq id-dikjarazzjonijiet personali taghhom meta huwa jghid li qatt ma kien inkarigat f'dan is-sens. Jispjega li huwa gie nkarigat jahdem bhala awditur ta' Daytona ghall-habta ta' Marzu 2003, li kellha negozju ta' karozzi *second hand.* Dak iz-zmien Daytona biss kienet tezisti peress li Profiles kienet ghadha ma nfethitx. Sar jaf lill-konjugi Saliba billi ntroducihomlu *accountant* anzjan, sabiex jassistihom mal-Bank li ried li l-*overdraft account* jinqaleb f'wiehed ta' self u li l-bank kien qieghed isemmi l-possibilitali ssir *call in.* Wara li gabulu d-dokumenti kollha, huwa kkonstata li kien hemm problema ta' *cash-flow* u li l-*overdraft* kien lahaq il-limitu tieghu u li kien ilu hekk ghal aktar minn sena. Sab li l-*overdraft* kien intuza wkoll ghal affarijiet personali li ma kenux marbuta man-negozju ta' Daytona. *Financial statements* ppreparati mill-awditur precedenti, kienu jindikaw telf ta' €34,000 ghas-sena 2001 (fol. 499) u li Daytona kienet qeghda topera bis-sahha tal-bank u tal-kredituri u mhux bis-sahha tal-operat taghha stess. Fil-fatt l-awditur precedenti rrileva dan fir-rapporti tieghu ghas-snin 2000 u 2001 (fol. 479 u fol. 487). Meta kellem lis-sinjuri Saliba dwar dan, huma qalulu li kienu jzommu d-dikjarazzjonijiet baxxi sabiex ma jhallsux taxxa, izda meta qalilhom li kellhom bzonn idahhlu flus fl-*overdraft account* sabiex il-bank jara li l-istess kont qieghed jithaddem, huma ma kellhomx il-likwiditabiex jaghmlu dan. Kwindi nfurmahom li kellhom jibdew jiddikjaraw il-qliegh taghhom b'mod realistiku, altrimenti l-bank ma kienx ser jaccetta li tibqa' tippersisti s-sitwazzjoni rizultanti mill-*Financial Statement* ta' Daytona ta' dak iz-zmien. Huwa kien iltaqa' ma' Joyce Grech darbtejn, izda kien biss meta tkellem ma' Dennis

Gravina li rrangaw sabiex jithallew ikomplu jahdmu bl-*overdraft account* bil-kundizzjoni li ma jibqax jigi dikjarat telf.

Beda jahdmilhom l-*annual accounts* mir-registri li kellhom u dawn kienu juru qliegh ta' Lm9,621 (fol. 508) u wara li Antoinette Saiba gabithomlu ffirmati, a bazi taghhom huwa hejja l-*Income Tax return* li giet nil minhabba l-*accumulated losses* li kellhom fi snin precedenti. Fil-kaz ta' *Income Tax returns,* il-konvenut jghid li dawn huwa kien dejjem idahhalhom tard peress li ghalkemm kien jibghathom ghall-firma, dejjem kienu jdumu ma jaghtuhomlu lura. Jispjega li fl-2005 huwa ghenhom mal-Bank sabiex innegozjaw self ta' Lm250,000 f'isem Daytona u f'isimhom personali sabiex jidhlu fin-negozju ta' zvilupp ta' proprjeta. Fis-sena 2005 gew fis-sitwazzjoni ghall-ewwel darba li kellha tithallas it-taxxa peress li l-*accumulated losses* gew ezawriti, izda Antoinette Saliba nfurmatu li ma kenitx ser thallas taxxa ghaliex ma kellhiex flus u hu jghid li wissiha li hekk kif jidhlu l-flus mill-bejgh tal-appartamenti, twarrab il-flus sabiex tithallas it-taxxa. Huwa ddecieda li jdahhal ir-*returns* tat-taxxa xorta ghalkemm kien jaf li minghajr hlas kienu ser jibdew ghaddejjin multi u mghaxijiet. Minkejja li bdew idahhlu l-flus mill-bejgh tal-appartmenti u xtraw proprjeta ohra sabiex jizviluppawha, izda t-taxxa baqghet tizdied u r-*returns* baqghu jidhlu tard. Il-konvenut jghid li ma riedx jibqa' jitghabba b'din ir-responsabbilitau qalilhom li ser jieqaf jahdmilhom. Fil-fehma tal-konvenut, il-problema kienet li ghalkemm kellhom flus, kienu jonfqu kollox u jghixu *beyond their means.* Il-konvenut jixhed li fil-bidu tas-sena 2011 Godfrey Saliba saqsih ghall-ewwel darba dwar l-*accounts* ta' Daytona, proprju dwar ic-cifra ta' €31,949 li kienet ghada ma thalssitx u meta qallu li huwa kien ilu li gibed l-attenzjoni ta' Antoinette sabiex twarrab il-flus sabiex jithallas dan id-dejn, Godfrey beda jghajjat li ma twarrab xejn. Jishaq li fl-ebda mument il-konjugi Saliba ma kienu nkarigawh sabiex jimla l-*income tax returns* taghhom personali, tant li dawn qatt m'ghaddewhomlu, kwindi jikkontesta l-ezercizzju mwettaq minn Joe Dingli fejn dahhal ukoll il-multi li huma wehlu personalment talli ma dahhlux ir-*returns* taghhom jew tat-tifla taghhom Leslie Anne Saliba.

Dwar il-VAT, jghid li beda jahdem minn Marzu 2003 u peress li l-awditur ta' qabel ma ghaddilhomx l-inkartament, mar id-dipartiment sabiex jara x'kienet is-sitwazzjoni. Qalulu li ma kenux dahlu *returns* mill-1 ta' Mejju, 2002, 'il quddiem meta suppost

dahlet wahda kull tliet xhur u dwar tas-sena 1999 ma qalulu xejn. Dwar ir-returns ta' qabel ma beda ma nghata ebda dokumentazzjoni, filwaqt li meta beda x-xoghol fl-2003, Antoinette Saliba, li kienet tiehu hsieb ix-xoghol amministrattiv dejjem kienet tghaddilu dokumenti nieqsa u ghallhekk kien jibbaza l-*accounts* tieghu fuq ir-registru ta' *purchases u sales* tal-karozzi. Ghalkemm kien ilesti r-*return,* kien ikollu problema peress li ma kenitx taghtih il-flus sabiex idahhalha. Dan baqa' jirrepeti ruhu sa meta rcevew l-ewwel tahrika tal-Qorti fl-2005, ghan-nuqqas ta' *return* li baqghet ma ntbaghtitx ghall-perjodu li kien jaghlaq 31/7/2002. Mar il-Qorti ma' Antoinette Saliba u wara li dehru quddiem il-Magistrat u obbligaw ruhhom li jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom, minn hawn u minn hemm irnexxielu jimla' r-*return* a bazi ta' figuri approssimativi u wara li Antoinette tatu l-ammont dovut lid-Dipartiment, l-akkuza giet irtirata. Huwa kien avza lil Antoinette li kienu qeghdin jehlu multi u taxxi talli kienu qeghdin idahhlu r-*returns* tard, izda baqghu bl-istess sistema, li huwa jlesti r-*returns* fil-hin izda mbaghad jehel meta kien jghidilha dwar il-hlas dovut. Ir-*return* kien jidhol fiz-zmien meta kultant l-ammont dovut kien ikun baxx, izda anke jekk tkun tatu d-dokumenti fil-hin, il-pagament kienu jghadduhulu meta tasal ir-referta tal-Qorti. Sadanittant kienu telghin l-ammonti ta' *late return penalties* u l-imghaxijiet, izda jispjega li peress li ma kenux jitharrku fuq dawn l-ammonti, Antoinette ma kinitx taghti kashom. Jishaq li zgur li kienu jafu li r-*returns* qeghdin jidhlu tard ghaliex kienu qeghdin jircievu t-tahrikiet, kif ukoll kellhom ikunu jafu dwar l-imghaxijiet. Zammit jesebixxi zewg *samples* ta' tahrikiet li kien ircieva Godfrey Saliba (Dok. JZ13 u Dok. JZ14 a fol. 645 u 646 tal-process) li kienu jkopru l-perjodu 31 ta' Ottubru, 2002 sal-31 ta' Jannar, 2004 u 30 ta' April, 2004 sa 31 ta' Jannar, 2005, rispettivament.

Rigward il-mandat ta' sekwestru mahrug mid-dipartiment tal-VAT, jghid li l-ewwel ittra ufficjali nharget fl-4 ta' Settembru, 2008, sabiex irendi ezekuttiv titolu ta' €75,190.45 (fejn ma jinghadx kemm minnhom huma taxxi, kemm huma l-penali u kemm l-interessi. Huwa jixhed li ma kienx jaf b'dawn il-proceduri u li dak iz-zmien anqas l-atturi ma kienu jafu peress li minn verifika li ghamel wara, rrizulta li dawn gew notifikati bil-procedura ta' pubblikazzjoni u affissjoni. Irrizultalu li l-mandat ta' sekwestru sar fit-28 ta' Settembru, 2008 ghas-somma ta' €29,999.31 u dan ftit qabel ma siefru l-Amerika. Antoinette Saliba hasbet li dan il-mandat sar minhabba l-ahhar *returns* li kienu ghadhom ma dahlux u ma hallsux u ghalhekk lestew u hallsu dawn ir-

*returns* u hasbu li d-dipartiment kien ser jirtira l-mandat kif kien isir fil-proceduri kriminali. Pero wara li kellhom il-kontijiet iffrizati u kellhom jigu lura mis-safar, waqt laqgha li kellhom mad-dipartiment tal-VAT, irrizulta li l-problema kienet li kien hemm VAT *return* nieqsa sa mis-sena 1999, id-dipartiment hareg stima li fil-fehma tieghu kienet wahda esagerata u jispjega li din kellha *snowball effect* peress li l-hlasijiet kollha li saru wara gew assorbiti sabiex l-ewwel jinqata' l-ammont antik u l-hlasijiet li saru fis-snin ta' wara gew jidhru bhallikieku ma sarux. Iddecidew li jdahhlu *return* ghas-sena 1999 peress li hu kien tal-hsieb li jikkontestaw l-istima, il-multi u l-imghaxijiet, izda s-sinjuri Saliba kien tilfu fiducja fih u bdew ikellmu lil *accountants* ohra u ma nvolvewhx fin-negozjati lil kellhom mad-dipartiment tal-VAT. Ma segwewx il-pariri tieghu u qabdu u hallsu sabiex jigi rtirat il-mandat peress li kellhom bzonn jiehdu self mill-bank sabiex ikunu jistghu jkomplu bl-izvilupp ta' proprjetaohra.

Dwar il-multi tal-MFSA imposti fuq Daytona, l-konvenut jispjega li marbuta mal-*annual return* hemm il-hlas tal-*annual fees* tal-MFSA u li din mhux talli trid tidhol fil-hin, talli jekk tidhol tard jew minghajr flus ma tinhafirx. Jekk tidhol *annual return* minghajr flus, din ma tigix accettata. Huwa jsostni li l-unika *return* ta' Daytona li tirrizulta nieqsa hija dik tas-sena 2005. Jesebixxi rcevuta (Dok. JZ15 a fol. 647) sabiex juri li huwa dahhalha fil-hin opportun, izda l-uniku spjegazzjoni li seta' jaghti hija li ma kienx onorat ic-cekk mahrug mill-klijenta. Dwar l-*annual accounts* kellu problema rikorrenti fis-sens li huwa kien ilestihom, jghaddihom lil Antoinette sabiex iggib il-firma ta' Godfrey u gieli kienet iggibhomlu lura u gieli le u ghalhekk meta kien idahhal l-*accounts* minghajr il-firma ta' Godfrey sabiex jiffranka l-multi, l-MFSA generalment kienet tibghat id-dokumenti lura b'nota dwar dak li jonqos (ara Dok. JZ21 a fol. 653). Il-konvenut jesebixxi r-*Reports & Financial Statements* li huwa hejja ghas-snin kollha li huwa kien responsabbli mis-sena 2002 sas-sena 2009 (Dok. JZ5 sa JZ12 fol. 493 *et seq* tal-process) in sostenn li huwa wettaq xogholu, izda jichad kull responsabbilitaghall-fatt li dawn iddahhlu tard, peress li din kienet responsabbilitatad-diretturi tad-Daytona.

Fil-kaz tas-socjeta Profiles Hair Shop Limited, il-konvenut jispjega li huwa ffurmaha huwa stess fuq struzzjonijiet ta' Antoinette, f'Gunju, 2004, li kellha tinkorpora fiha x-xoghol li kienet taghmel Antoinette bhala *hairdresser* li sa dak iz-zmien kienet *self*

*employed.* Meta beda jahdmilha nnota li l-ammont t'ircevuti kien baxx wisq u kien ser iwassal ghal sitwazzjoni ta' telf u meta wera lil Antoinette li l-affarijiet kellhom isiru mod iehor, hija nsistiet li la riedet thallas taxxa u lanqas VAT u kienet tispicca tiggieled mieghu meta jimla' l-formola u jghidilha kemm trid thallas. Spicca sabiex kien ihallas lid-dipartiment tal-VAT huwa minn butu stess u mbaghad jitlobha disbursements (ara Dok. JZ24 a fol. 658 tal-process). Apparti minn hekk, bl-*income* ddikjarat kien impossibbli li zzomm zewg impjegati. Fl-ewwel sena finanzjarja l-konvenut jghid li accetta li japprovalha l-*accounts* (Dok. JZ25 a fol. 675) peress li fl-ewwel sena ma setax jeskludi li spiccat topera b'telf, izda meta gew ghat-tieni sena nfurmaha li ma kienx lest li jibqa' jahdem bhala awditur taghha f'dawk il-kundizzjonijiet, izda ftiehem m'Antoinette li jibqa' jdahhlilha r-*returns* tal-VAT a bazi tal-ircevuti li tghaddilu. Hawn ukoll il-konvenut jghid li Antoinette kienet issibha bi kbira li thallas il-VAT dovut jew li thallsu l-flus li jkun hareg hu ghaliha u meta rrifjuta li jkompli jahdem hekk f'Lulju 2007, meta d-dipartiment hargilha tahrika ghan-nuqqas taghha li ddahhal id-denunzji tal-VAT, (Dok. JZ26 a fol. 693) hija mbaghad hallset u l-akkuza giet irtirata. Il-konvenut jesebixxi l-*accounts* ta' Profiles tas-snin 2005 u 2006, li gewipprezentati minn awditur iehor (Dok. JZ27 u JZ28). Filwaqt li mis-sena 2007 'il quddiem l-*audits* ta' Profiles beda jiehu hsiebhom Joe Dingli (ara Dok. JZ29 sa Dok. JZ32 esebiti a fol. 728 *et seq* tal-process). Il-konvenut jichad li huwa gie inkarigat jiehu hsieb il-*payrolls* tal-haddiema ta' Profiles u ghalhekk jishaq li ma kellu jgorr ebda responsabbilita f'dan ir-rigward.

In kontro-ezami l-konvenut Zammit xehed li mir-ricerki li ghamel, Daytona bhal debitur principali u l-konjugi Saliba bhala garanti solidali tad-debitur principali, kellhom *overdraft facility* ta' Lm100,000 fis-sena 1995, li wara kienet zdiedet b'Lm10,000 fis-sena 1999 u baqghet tigi mgedda fis-snin ta' wara (ara Dok. AX1 sa AX4 a fol.951 *et seq* tal-process). Jishaq li biex jaghmel il-kontijiet kien jahdem fuq ir-registru tal-bejgh ta' karozzi peress li dokumenti ohra bhal kuntratti, kambjali u kotba tal-VAT ma kenux jghaddulu. Bhala dokumenti gieli ghaddiethomlu Antoinette Saliba u gieli sabhom l-ufficcju meta kien ikun xoghol fuq barra. Jinsisti li l-konjugi Saliba qatt ma nkarigawh jaghmel l-*income tax returns* personali taghhom u li kellu kontribut ghall-fatt li r-relazzjoni ta' Daytona u l-konjugi Saliba mal-bank tjiebet, peress li minn sitwazzjoni fejn kienu vicin ta' *call in,* wara nghataw self ta' Lm250,000

sabiex jizviluppaw il-proprjeta, u n-negozju kien sejjer tajjeb, izda xorta ma hallsux t-taxxa. Ghalhekk beda jghid lil Antoinette li ma setax jibqa' jahdem hekk u verbalment infurmaha li ma kienx ser jibqa' jdahhal d-denunzji altrimenti id-dipartiment kien ikollu titolu ezekuttiv. Konsegwentement huwa kien jissottometti d-denunzji tat-taxxa fuq id-dhul iffirmati mill-konjugi Saliba tardivament u kien jibbaza dawn fuq l-*accounts* tal-kumpannija li jkun hadem huwa stess. L-*accounts* ippreparati minnu ghas-socjetajiet attrici ma kenux jigu kwalifikati peress li fiz-zmien li kien jahdmilhom hu, kienu *solvent* bis-sahha tal-bejgh ta' proprjeta. Fuq medda ta' tliet xhur kien imur medja ta' hames darbiet il-garaxx taghhom.

Ghalkemm beda jahdem mal-konjugi Saliba f'Marzu 2003, huwa xorta ma setax idahhal il-VAT *returns* fil-hin, kemm minhabba li ghadda minn perjodu fejn kien qieghed jiehu *over* ix-xoghol, kif ukoll minhabba n-nuqqas ta' dokumenti da parti tal-klijenti. Mistoqsi dwar il-korrettezza tad-dati elenkati a fol. 127 (Dok. JD1) bhala d-dati meta dahlu r-*returns* tal-VAT, fejn jirrizulta li uhud mir-*returns* li l-konvenut kien responsabbli ghalihom dahlu xhur jew sahansitra snin tard, ix-xhud iwiegeb li ma setax jghid minghajr dettalji quddiemu u li kien ghadu ma vverifikax il-korrettezza ta' dak id-dokument. Wara li l-konvenut ivverifika, rrefera ghad-dokumenti esebiti mal-affidavit tieghu Dok. JZ13 u Dok. JZ14, u ghax-xhieda tieghu fejn spjega li d-denunzji fil-parti l-kbira kienu jidhlu tard minhabba l-metodu li kienu jahdmu bih, fis-sens li l-konjugi Salba ma kenux jaghtu kaz hlief meta jircievu r-referti tal-Qorti, mbaghad meta jaslu r-referti, jigu sottomessi d-denunzji u l-hlas sabiex tigi rtirata l-kawza. Jinsisti li huwa ma kienx inkarigat li jimla l-FS5s u l-FS7s peress li kien infurmat mill-konjugi Saliba li kellhom haddiehor jiehu hsieb dawn id-dokumenti u li seta' jaghmel *audit* minghajr dawn id-dokumenti. Fi kwalunkwe kaz, kienu l-klijienti li jircievu dokumenti mid-dipartiment li kellhom dawn in-nuqqasijiet u mhux hu. L-uniku kaz li jiftakar li kellu jimla FS3 ghal impjegata wahda kienet Lara Saliba. Huwa ddepozita d-dokumenti li kellu tas-socjetajiet attrici l-Qorti, peress li ma thallasx u ma qiesx li seta' jafdahom, ghalhekk ma riedx li wara jghidu li ma tahomlhomx.

Xehed mill-gdid in kontro-ezami l-awditur Joseph Dingli fis-seduti tas-26 ta' Jannar, 2017 u fit-13 ta' Marzu, 2017. Mistoqsi jekk irrizultalux minn x'imkien li l-konjugi Saliba kienu qabbdu lill-konvenut jiehu hsieb id-denunzji tat-taxxi personali, jwiegeb li

ghalkemm dawn huma affarijiet normali fil-kors ta' *business,* x'kien il-ftehim bejn is-socjetajiet attrici u l-konvenut, huwa ma kienx jaf. Sussegwentement esebixxa xi dokumenti bhal applikazzjoni lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghal *employer number* (Dok. MCH1); kopji ta' *engagement forms* li ntbaghtu lill-ETC ghan-nom ta' Daytona u Profiles (Dok. MCH2 u Dok. MCH 3 rispettivament) li f'dan il-kaz jirrizulta li ntbaghtu mill-ufficini tal-konvenut; FS3s tas-snin 2003 u 2005, li fihom hemm indikat kalkoli ta' dhul ta' taxxa u ta' bolol li fil-fehma tax-xhud, ghalkemm jikkoncedi li fil-veritama hemm xejn x'jindika li kien qieghed jiehu hsiebhom il-konvenut (Dok. MCH4 u Dok. MCH5); kopja tal-*income tax return* tal-konjugi Saliba ghas-sena 2002 (Dok. MCH6) u *letter of objection* li kien bghat is-sur Zammit ghan-nom personali ta' Godfrey Saliba fis-sena 2004 (Dok. MCH7). Jispjega li fil-kaz tat-tifla Leslie Ann Saliba, peress li ma ntbaghtux FS3s il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma kellux fuq xhiex jahdmilha t-taxxa u b'hekk wehlet il-multa.

Ix-xhud jghid li huwa dahhal fir-rapport tieghu dak li ghalih kien iz-zmien li fih kien responsabbli John Zammit, ma dahhalx fil-komputazzjoni dak li rrizulta bhala nuqqas ta' denunzja ta' taxxa tas-sena 1999 u bhala *cut off date* uza l-1 ta' Frar 2002 (skont Dok. JD2 a fol. 279 tal-process), ghalhekk halla barra multi u mghax bejn is-snin 1999 u 2002. Minn hemm 'il quddiem fil-fehma tieghu tidhol ir-responsabbilita tal-konvenut, peress li ghalkemm ma kienx jaf meta l-konvenut sar jaf bin-nuqqasijiet tat-taxxa, dan suppost meta dahal ghall-inkarigu tax-xoghol kellu jkompli minn fejn halla ta' qablu u suppost kellu jinduna bil-pendenzi u fil-fehma tieghu l-konvenut kien responsabbli li jiehu hsiebha xorta, peress li fl-2003 il-konvenut dahhal l-*audit* tas-sena 2002. Ix-xhud jispjega wkoll li meta l-konvenut ghamel l-*audit* fis-sena 2003, huwa kellu jinduna bil-pendenza li kien hemm tas-sena 1999, izda huwa halla penali u imghaxijiet bejn l-1999 u l-2002 barra mir-rapport tieghu. Ix-xhud ma setax jghid meta sar jaf il-konvenut b'din il-pendenza u ghalkemm id-Dipartiment suppost jibghat *statement* perjodikament, mhux dejjem kienu johorgu *statements* tal-VAT b'mod regolari.

Xehed diversi drabi u esebixxa numru ta' dokumenti Paul Scicluna in rapprezentanza tad-dipartiment tal-VAT, fejn mill-aktar relevanti hija x-xhieda meta qal li ghall-perjodu ta' snin bejn l-2003 u l-2010, Daytona giet soggetta ghall-penali ta' €24,058

u interessi ta' €4,790, total ta' €28,849.60, izda bbenefikat ukoll mill-iskemi li kien hemm sabiex kien hemm remissjoni ta' €17,736. Ix-xhud jispjega li effettivament Daytona hallset €10,000 u €2,808.58 bhala penali u interessi (total ta' €12,808.58).

Xehdet permezz ta' affidavit Lara Saliba li qalet li l-uniku darba li marret ghand il-konvenut kienet in konnessjoni mal-karti tat-tmiem tal-impieg taghha ma' Profiles fl-2006 u mhux minhabba bolol dovuti lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. In kontro-ezami tixhed li hija damet ghaxar snin impjegata ma' Profiles, izda ma ftakretx u ma vverifikatx jekk dawn il-bolol thallsux minn Profiles.

Gie esebit kopja tal-ftehim li gie milhuq bejn Profiles u d-Dipartiment tat-Taxxi Interni li minnu jirrizulta d-dati u l-modalitajiet ta' hlas tal-kontribuzzjonijiet ta' min ihaddem u tal-impjegati dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni minn Profiles.

**Eccezzjoni preliminari – legittimu kontradittur**

Permezz tal-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti konjugi Zammit jikkontendu li ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li t-talbiet attrici jitrattaw ilmenti dwar is-servizz ta' kontabilita, liema servizz jinghad minnhom li gie rez esklussivament mis-socjeta konvenuta Finance Management & Consultancy Limited u mhux minnhom proprio.

Huwa risaput illi min jeccepixxi li mhux il-legittimu kuntradittur (f'dan il-kaz il-konvenuti) stante nuqqas ta' relazzjoni guridika, jehtieg li juri bi provi adegwati, illi huwa ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza. Sabiex jigi stabbilit jekk persuna hijiex jew le l-legittimu kontradittur ta' parti f'kawza, jehtieg li fl-ewwel lok jigi stabbilit fuq bazi ta' *prima facie* jekk il-persuna li giet imharrka kinetx materjalment involuta f'dak li minnu qeghdin jilmentaw s-socjetàjiet attrici, cioè jekk bl-agir taghha nholqot relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini kif gew proposti mis-socjetajiet attrici (**Grace Sacco vs Supretendent Mediku fl-Isptar Generali ta' Ghawdex et**, 16/10/2007).

Inoltre kif ritenut fis-sentenza tat-23 ta' Ottubru, 2009, mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd.**:

> …huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-ligi, il-kostituzzjoni in gudizzju ta' parti mharrka tinzel minn qaghda ta' rapport guridiku precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. Dan necessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oggett jew it-titolu tal-kawza. Fil-konkret, kif anke rilevat mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fid-decizjoni in re: "Frankie Refalo nomine -vs- Jason Azzopardi et", 5 ta' Ottubru, 2001, biex il-Qorti tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra "kellha bilfors tivverifika prima facie, jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.

Principju iehor bazilari enuncjat f'diversi sentenzi, fosthom dik tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Marzu, 2002, fil-kawza **Camel Brand Co Ltd. vs Michael Debono**, fejn inghad li l-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel tali allegazzjoni. Dana peress li l-prezunzjoni hija li persuna tkun qeghda tikkuntratta f'isimha proprju sakemm ma tkunx avzat lill-parti l-ohra li tkun qeghda tikkuntratta f'isem haddiehor. Fejn hemm dubju, wiehed ghandu jipprezumi li l-persuna li qeghda tikkuntratta kienet qeghda taghmel hekk f'isimha proprju (Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru, 1999, fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Formosa noe et noe vs Silvio Felice**).

F' dan is-sens ukoll hija s-sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili tal-14 ta' Novembru, 1966, fil-kawza fl-ismijiet **Bernard Attard vs Raymond Cassar Torreggiani**, fejn kien ritenut minn din il-Qorti illi:

> …l-appellanti (konvenuti fil-kawza) kellhom jipprovaw mhux biss li n-negozju sar ghas-socjeta' gestita mill-appellant imma wkoll illi **fil-mument meta sar tali negozju s-socjeta' attrici kienet konsapevoli tal-fatt illi min pogga l-ordni maghha u min maghha kien ikkonkluda n-negozju kien qieghed f' dak il-mument jagixxi in rapprezentanza tas-socjeta' gestita mill-konvenut. Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta' attrici kellu jirrileva b' mod car u univoku illi f' dik il-kontrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata**.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti tinsab konvinta li filwaqt li l-konvenuta Anna Zammit ma nghatat ebda inkarigu da parti tas-socjetajiet attrici u ma kenitx effettivament involuta fin-negozjati, in konnessjoni max-xoghol professjonali mehtieg minnhom, mhux l-istess jista' jinghad fil-kaz tal-konvenut John Zammit, in kwantu kemm mix-xhieda tal-konjugi Saliba, kif ukoll dik tal-istess konvenut, jirrizulta

car li l-ftehim (verbali) kien li l-istess Zammit jibda jiehu hsieb il-kontijiet tas-socjetajiet attrici. Minn imkien ma jirrizulta li meta l-konvenut Zammit inghata dan l-inkarigu, huwa kien qieghed jikkuntratta f'isem is-socjeta Finance Management and Consultancy Limited u mhux f'ismu personali. Kwindi filwaqt li din l-ewwel eccezzjoni qeghda tintlaqa' fil-konfront tal-konvenuta Anna Zammit, qeghda tigi michuda fil-konfront ta' John Zammit. Kunsidrata din l-eccezzjoni tqajjmet limitatament fil-konfront tal-konjugi Zammit, ma jirrizultax kontesat li s-socjetakonvenuta Finance Management & Consultancy Limited hija legittima kontraditrici ghat-talbiet attrici, jekk kemm-il darba jirrizultaw misthoqqa.

**Ebda konnessjoni bejn talbiet ta' Profiles Hair Shop Limited u Daytona Limited**

It-tieni eccezzjoni li jehtieg li tigi ndirizzata hija li l-konvenuti jikkontendu li peress li t-talbiet taz-zewg socjetajiet attrici mhumiex konnessi kif jipprovdi l-Artikolu 161(3) tal-Kap. 12 (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili) u jirrikjedu provi differenti, l-pretizi tas-socjeta Profiles huma inferjuri ghall-kompetenza ta' din il-Qorti.

Ghar-rigward ta' din l-eccezzjoni tal-konvenuti, din il-Qorti tikkunsidra li l-Art. 161(3) tal-Kap. 12 jipprovdi:

> Zewg atturi jew aktar jistghu jibdew il-kawzi taghhom permezz ta' rikors guramentat jew rikors mhux guramentat wiehed skont il-kaz, **jekk il-kawzi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minhabba fil-mertu taghhom** jew jekk id-decizjoni li tinghata dwar wahda mill-kawzi tista' tolqot id-decizjoni dwar il-kawza jew il-kawzi l-ohra **u jekk il-provi li jingiebu f'wahda mill-kawzi jkunu, generalment, l-istess provi li ghandhom jingiebu fil-kawza jew fil-kawzi l-ohra**. Ir-raguni ghaliex ikunu qeghdin isiru l-kawzi u l-mertu taghhom ghandhom jigu dikjarati b'mod car u specifiku minn kull attur. (enfasi ta' din il-Qorti)

Il-proceduri odjerni huma rizultat ta' sitwazzjoni fejn l-allegazzjonijiet tas-socjetajiet attrici dwar skorrettezzi jew nuqqasijiet da parti tal-konvenuti fit-twettiq tal-inkarigu moghti lilhom wasslu ghad-danni sofferti minnhom. Inoltre l-provi mressqa kienu generalment l-istess fis-sens li fiz-zewg kazijiet qieghed jigi allegat l-istess nuqqas u x-xhieda mressqa kienu relatati u fil-parti l-kbira relevanti ghaz-zewg socjetajiet attrici. Fid-dawl tac-cirkostanzi, din il-Qorti ma tistax tqis li hija gustifikata l-eccezzjoni moghtija mill-konvenuti. Dan jinghad ukoll peress li jkun fl-ahjar interess tal-ekonomija tal-gudizzju u tal-ispejjez gudizzjarji li jinstemghu f'daqqa. Lanqas tregi n-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti prospettata mill-konvenuti, stante li l-Artikolu

161(5) tal-Kap. 12 jghid illi sabiexi tigi stabbilita l-kompetenza tal-Qorti, iz-zewg kawzi jitqiesu flimkien. Isegwi li t-tieni eccezzjoni ghandha tigi michuda.

**Konsiderazzjonijiet legali dwar il-mertu**

Il-mertu tal-kawza huwa wiehed fejn tintalab dikjarazzjoni ta' responsabbilita professjonali u ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni. Is-socjetajiet attrici jikkontendu li l-konvenuti ghandhom jaghmlu tajjeb ghad-danni li sofrew, konsegwenza tan-nuqqas fl-ezekuzzjoni tad-doveri tal-konvenuti fit-twettiq tal-inkarigu moghti lilhom. F'dawn it-tip ta' kawzi spiss jitqajjem il-kwezit jekk l-azzjoni attrici tkunx wahda bbazata fuq nuqqas ta' hila u ghaqal fit-twettiq tal-professjoni jew fuq inadempiment kuntrattwali, ukoll jekk dak in-nuqqas isehh fit-twettieq tal-mandat moghti. Filwaqt li tezisti gurisprudenza fejn l-ghoti ta' servizz minn professjonist u r-relazzjoni tieghu mal-klijent giet ekwiparata ma' mandat (ara per ezempju s-sentenza ta' din il-Qorti, tat-3 ta' Ottubru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Periti Alexander Bezzina et vs Joseph Mizzi noe**), f'bosta sentenzi ohra fejn jidhlu certi rabtiet professjonali, huwa ritenut li r-relazzjoni li titnissel bejn professjonist u klijent hija wahda kuntrattwali (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Ottubru, 2008, fil-kawza fl-ismijiet **Rose Gauci et vs Donald Felice et** u bosta sentenzi ohra partikolarment fil-qasam mediku).

F'kull kaz, il-fatt li rabta bejn il-professjonist u l-klijent ma tkunx wahda kuntrattwali, ma jfissirx li l-klijent ma jkollu l-ebda rimedju fil-konfront tal-professjonist, jekk kemm-il darba l-professjonist jonqos li jwettaq dak li jkun inkarigat jaghmel mill-klijent, skont l-ahjar hila u ghaqal li l-professjoni tistenna minghandu. Hekk per ezempju fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Lulju, 1958, fil-kawza fl-ismijiet **Mose Tabone vs Avv. Dr Joseph Ferdinand Galea** inghad:

> In tema legali jinghad li ghalkemm l-azzjoni tad-danni dovuti ghal zball professjonali tista' tkun imnissla minn "culpa" kontrattwali, ossija "ex contractu", jew minn "culpa" extra-kontrattwali, l-azzjoni odjerna hija bazata fuq il-kolpa akwiljana, li hija mdahhla skond il-ligi civili taghna taht l-art. 1074 u 1075 (illum art. 1031 u 1032)... Il-principji japplikaw ruhhom anke ghal dawk il-membri tal-kommunita` li jezercitaw il-professjonijiet liberali (ara Dalloz, 20 ta' Lulju 1862, Giurisprudenza Volume I, 419, anno 1862)... It-teorija tal-iskuzzabbilita` tal-izbalji professjonali ma holqotx speci ohra ta' htija oltre dawk rikonoxxuti mill-ligi komuni, imma stabbiliet kriterju prattiku dwar id-diffikoltà li tinkorri "in subjecta materia" ghat-tfittxija tal-htija fl-izbalji li jaqghu fihom, bhal bnedmin umani kollha, dawk li jezercitaw il-professjonijiet. Fejn l-izball ta' kommissjoni jew ta' ommissjoni huwa dovut ghall-

imperfezzjoni tax-xjenza jew arti, skond il-kaz, l-agenti mhux ritenuti responsabbli; imma fejn il-persuna persegwitata ghad-danni tonqos, tittraskura formalitajiet indispensabbli u perentorji, kif ukoll turi negligenza fl-ezercizzju tal-attivita professjonali taghha, jew turi injoranza grassa fl-istess arti taghha, ma hemmx ebda raguni legali ghaliex ma ghandhiex tkun tenuta li tirrispondi, skond il-ligi komuni, ghad-danni versu d-danneggjat.

Min-naha l-ohra, meta tirrizulta inadempjenza fit-twettiq tal-obbligazzjoni li wiehed ikun intrabat ghaliha, din taghti lok ghal danni kuntrattwali minhabba li kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti fil-kawza. Kif inghad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza deciza fit-3 ta' Lulju, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Avv. Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb nomine:**

Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita contrattuale l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kontrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-ezekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront tal-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li ghandu l-oneru ta' prova iktar difficli mpost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza se mai rrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll.

Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' extra-contrattuale huwa l-attur li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu ghaliex f'tali kaz huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert.

Ir-responsabbilita` ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, u dana skond i l-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti. Torrente jaghti ezempju car sabiex ikun jista' jaghraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita` contrattuale u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita` extra contrattuale.

"Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti". (Torrente & Schlesinger "Manuale Di Diritto Privato", para. 394 pg 639)

Id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg sitwazzjonijiet hija proprio l-ezistenza o meno tar-rabta obbligatorja antecedenti ghall-att jew ommissjoni li ta lok ghad-dannu li l-attur jallega li gie lilu kkawzat. Fil-kaz tal-viaggio in tram evidentement hemm kuntratt ta' gar u quindi hemm obbligazzjoni antecedenti ghall-att jew ommissjoni li tat lok ghall-incident, filwaqt li fil-kaz ta' l-incident l-iehor - dak li jaghti lok ghar-responsabbilita` extra contrattuale – ma hemmx din ir-rabta obbligatorja antecedenti ghall-istess incident. In effetti Torrente jispjega illi fl-ambitu tar-responsabbilita` "extra contrattuale ...

> un rapporto obbligatorio ancora non esiste tra le parti ed essa consiste nella trasgresione di un dovere generico di contegno."
>
> Fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili wara l-kawza fl-ismijiet "Vassallo vs Mizzi et", deciza fid-9 ta' April 1949, (Vol. XXXIII.II.379) il-Qorti kkunsidrat illi "l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita` taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skond il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad."

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti tqis li tressqu provi li juru li kien hemm kuntratt bejn is-socjetajiet attrici u l-konvenut John Zammit u dana peress li mhux kontestat li s-socjetajiet attrici rrikorrew ghand il-konvenut sabiex jinghatalhom numru ta' servizzi ta' *accounting* u l-konvenut accetta li jaghti dawk is-servizzi. B'hekk giet pperfezzjonata r-rabta kuntrattwali bejn il-partijiet, bl-obbligi kollha li ggib maghha. Ghalkemm huwa minnu li l-inkarigu moghti mis-socjetajiet attrici ma jirrizultax minn xi ftehim formalizzat bil-miktub, xorta jista' jinghad li kien hemm offerta ta' inkarigu u accettazzjoni da parti tal-konvenut. Jitqiesu relevanti f'dan il-kuntest l-artikoli tal-ligi li jipprovdu dwar l-effetti tal-obbligazzjonijiet. L-Artikolu 1125 tal-Kap. 16 (Kodici Civili) jipprovdi li kull min jonqos li jwettaq xi obbligazzjoni li jkun intrabat li jaghmel, ghandu jaghmel tajjeb lil parti l-ohra billi jhallasha d-danni li din setghet garbet minhabba dak in-nuqqas. Mentri l-Artikolu 1133 tal-Kodici Civili jipprovdi li:

> Id-debitur, ukoll jekk ma jkunx mexa b'mala fidi, jigi kkundannat ghad-danni, jekk ikun hemm lok, sew minhabba li jkun naqas ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni kemm ukoll minhabba d-dewmien fl-esekuzzjoni taghha, kemm-il darba hu ma jippruvax illi n-nuqqas tal-esekuzzjoni jew id-dewmien sar minhabba xi haga barranija li taghha huwa ma kienx htija.

Fil-kaz in ezami rrizulta li s-socjetajiet attrici gestiti mill-konjugi Saliba, kienu afdaw il-konteggi taghhom f'idejn il-konvenut John Zammit. Madankollu tirrizulta konfuzjoni shiha dwar l-estent tal-inkarigu moghti lill-istess konvenut. Ikun xieraq li jigi pprecizat mal-ewwel li din il-Qorti hija marbuta li tiddeciedi l-kawza fil-parametri imposti fir-rikors promotur. Kwindi ladarba l-azzjoni attrici mressqa mis-socjetajiet attrici ssejset

fuq nuqqasijiet tal-konvenut li jipprepara regolarment id-denunzji tat-taxxa tad-Dipartiment tal-VAT, lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u lill-MFSA, kull prova li tressqet in konnessjoni ma' nuqqasijiet fil-konfront tal-konjugi Saliba fil-vesti taghhom personali, fil-konfront tat-tifla taghhom Leslie Ann Saliba, jew fil-kuntest ta' thejjija ta' payrolls tal-impjegati u l-hlas ta' bolol jitqiesu li jaqghu lil hinn mit-talbiet attrici u mhux ser jigu kkunsidrati ghall-fini ta' din il-kawza.

Trattat dan il-punt, imiss li tigi kkunsidrata l-kwistjoni ta' twettiq tal-inkarigu moghti lill-konvenut John Zammit. Mill-provi jirrizultaw verzjonijiet konfliggenti, peress li in sintezi, filwaqt li l-konjugi Saliba u l-familjari jishqu li kienu fdaw kollox f'idejn il-konvenut Zammit u kien l-agir non-kuranti tieghu li jdahhal id-denunzji tard li wassalhom li jsofru danni ngenti, min-naha l-ohra l-konvenut Zammit jaghti verzjoni ohra u cioè li kien hemm nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tal-konjugi Saliba, kemm sabiex jaghtuh l-informazzjoni mehtiega, kif ukoll, ghalkemm huwa kien jipprepara d-denunzji fil-hin opportun, spiss kien jigri li Saliba kienu jdumu ma jhallsu, peress li ma riedux ihallsu taxxa, tant li qabel ma kienu jircievu xi tahrika tal-Qorti ma kenux ihallsu.

Mill-assjem tal-provi, mhux dubitat li effettivament il-parti l-kbira tad-denunzji tat-taxxa kienu jidhlu tard, dan meta fil-fehma ta' din il-Qorti kien primarjament l-obbligu tad-diretturi tas-socjetajiet attrici li jdahhlu dawn id-denunzji u jhallsu t-taxxa fil-waqt opportun. Issa huwa minnu li s-socjetajiet attrici ddelegaw parti minn dan l-obbligu taghhom lill-konvenuti, meta nkarigawhom li jaghmlu l-konteggi u d-denunzji taghhom lid-Dipartiment tal-Gvern, izda l-obbligu taghhom li jhallsu fil-waqt opportun jibqa' l-obbligu taghhom.

Il-konvenut li accetta li jwettaq l-inkarigu li jzomm il-konteggi u jaghmel id-denunzji tat-taxxa, kellu l-obbligu li jipprova li huwa uza d-diligenza ta' missier tajjeb tal-familja fit-twettiq tal-obbligazzjoni fdata lilu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, meta tqis il-provi kollha ma tarax li l-konvenut irnexxielu jilhaq dan il-grad ta' prova. Dan jinghad peress li ghalkemm jista' jkun minnu li d-diretturi tas-socjetajiet attrici ma kenux qeghdin jghaddulu d-dokumenti kollha fil-waqt, kif ukoll ma kenux jghaddulu l-hlas mehtieg fiz-zmien opportun, ma ressaq ebda prova li huwa b'xi mod kien imqar bghat lis-

socjetajiet attrici xi avviz bil-miktub dwar ir-responsabbilitataghhom li jwettqu l-hlas fiz-zmien u li n-nuqqas taghhom kien ser iwassal ghal konsegwenzi spjacevoli. Dan meta wiehed jikkonsidra li l-inkarigu tal-konvenut dam madwar seba' snin kwindi d-diligenza u l-ghaqal jitolbu li tal-inqas jaghmel it-twissija tieghu lid-diretturi tas-socjetajiet attrici bil-miktub sabiex iwettaq l-obbligu tieghu kif imiss u jezimi ruhu mir-responsabbilità. Kif ukoll, ghalkemm huwa jghid li kien ilesti d-denunzji fiz-zmien, u kien in-nuqqas tal-konjugi Saliba li jwettqu l-hlas, li wassal ghad-dewmien fis-sottomissjoni tad-denunzji, huwa seta' jehles mir-responsabbilta' tieghu, billi jew idahhal id-denunzji fiz-zmien minghajr il-hlas (kif jirrizulta li fil-fatt ghamel eventwalment fil-kaz tad-denunzja nieqsa tas-sena 1999 – ara Dok. AX6 a fol. 254) sabiex jaqdi d-dmir tieghu fil-waqt, jew sahansitra jirrinunzja ghall-inkarigu moghti lilu, ladarba d-diretturi tas-socjetajiet attrici kienu qeghdin jonqsu milli jsegwu l-parir tieghu li jaghmlu l-affarijiet kif titlob il-ligi. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-konvenut wera nuqqas ta' hila u diligenza fil-qadi tal-inkarigu moghti lilu, li wasslu sabiex jonqos milli jonora l-obbligi kuntrattwali tieghu fil-konfront tas-socjetajiet attrici u ghal dan in-nuqqas jehtieg li jirrispondi, ghall-inqas in parti, ghat-talbiet attrici.

Min-naha l-ohra lanqas id-diretturi tas-socjetajiet attrici ma rnexxielhom jippruvaw li huma kienu jwettqu l-hlas fil-waqt opportun u lanqas ma kienu jaghtu wisq prioritaghall-obbligu taghhom li jhallsu t-taxxi dovuti minnhom. Jibda billi jigi osservat li *ex admissis* kienu konsapevoli tal-fatt li kellhom kont pendenti konsiderevoli mad-dipartiment tat-taxxa sa minn qabel ma siefru. Inoltrè minkejja l-fatt li ddelegaw l-inkarigu tal-konteggi u denunzji tat-taxxa lill-professjonist dan ma jfissirx li hellsu mill-obbligu tal-hlas kif titlob il-ligi. Huwa fatt inkontestat li l-konjugi Saliba kienu jircievu d-denunzji tat-taxxa u huma kienu jghadduhom lill-konvenut, izda kien fid-dmir taghhom li xorta jsegwu l-andament tax-xoghol li ddelegaw lill-konvenut. Ladarba huma kienu qeghdin jircievu t-tahrikiet mill-Qorti dwar in-nuqqas li jidhlu d-denunzji tal-VAT u l-hlas relattiv fiz-zmien mahsub fil-ligi, ma jiswa xejn li jghidu li kien minghalihom li l-konvenut kien qieghed jiehu hsieb kollox hu u li kien iserhilhom rashom li kollox kien sew. Dan meta wiehed jikkonsidra li kien hemm xejn inqas minn sitt tahrikiet li nhargu kontra taghhom fir-rigward ta' Daytona (fol. 220) u zewg tahrikiet fir-rigward ta' Profiles (fol. 221) fiz-zmien li kien inkarigat minn dan ix-xoghol il-konvenut. Din il-kwantitata tahrikiet li s-socjetajiet attrici kienu jhallsu fil-pront hekk

kif jircievu t-tahrika sabiex iwaqqfu l-proceduri kriminali fil-konfront tad-diretturi, tabilhaqq jaghtu sostenn lill-verzjoni tal-konvenut, li dan kien il-*modus operandi* tad-diretturi taz-zewg socjetajiet attrici u ghalhekk issib li l-konvenuti rnexxielhom jippruvaw li parti min-nuqqas ta' ezekuzzjoni jew dewmien ma kienx tort taghhom izda konsegwenti l-agir tal-istess diretturi tas-socjetajiet attrici. Dan iwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li d-diretturi tas-socjetajiet attrici kkontribwew ghas-sitwazzjoni li issa qeghdin jilmentaw minnha.

Kwindi ghalkemm oggettivament jista' jinghad li l-konvenut ma qdiex l-inkarigu tieghu bid-diligenza mistennija mill-professjoni tieghu, certament l-agir tal-istess diretturi tas-socjetajiet attrici ghandu jitqies kontributorju ghad-danni eventwali li baghtew l-istess socjetajiet attrici. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-element ta' htija kontributorja ghandu jwassal li l-htija li wasslet lis-socjetajiet attrici li jbaghtu d-danni tinqasam nofs bin-nofs bejn l-istess socjetajiet attrici u l-konvenuti.

**Danni**

In kwantu ghad-danni, hawn ukoll tressqu hafna provi konfliggenti, in kwantu apparti li s-socjetajiet attrici ressqu prospett mill-*accountant ex parte* inkarigat minnhom, liema prospett ta' penali u mghaxijiet gie aggornat diversi drabi u dahhlu fih ukoll affarijiet li ma jaqghux fil-paramentri tal-kawza kif proposta, kif spjegat qabel. Tressqu ukoll bhala xhieda diversi rapprezentanti tad-Dipartimenti tal-Gvern li taw hafna figuri differenti dwar x'kienu l-konsegwenzi tal-fatt ta' dewmien fis-sottomissjoni tad-denunzji. Inoltrè ghalkemm il-partijiet kienu originarjament tal-hsieb li jinhatar *accountant* sabiex jassisti lill-Qorti fil-mertu tal-azzjoni, sussegwentement iddikjaraw li ma kienx hemm il-htiega ta' nomina ta' perit komputista u li l-Qorti kellha tistrieh fuq il-provi migbura.

Kwindi din il-Qorti, wara li qieset il-provi kollha, ser tghaddi sabiex tillikwida d-danni a bazi tal-ahjar prova dwar x'kienu d-danni reali li effettivament nkorrew is-socjetajiet attrici:

**Daytona**

**VAT**

Dan kien kaz mill-aktar difficli li kkumplika ruhu stante li konsegwenza ta' nuqqas ta' denunzja da parti ta' Daytona fis-sena 1999 (zmien meta l-konvenut John Zammit ma kienx inkarigat mis-socjeta attrici) saret stima tat-taxxa dovuta mid-Dipartiment li fuqha bdew jiddekorru l-penali u l-interessi u mill-hlasijiet li saru sussegwentement bdew jinqatghu dawn il-pendenzi l-antiki. Ghal xi raguni f'dan il-kaz qatt ma harget tahrika fil-konfront tad-diretturi ta' Daytona, kwindi din il-Qorti ma thossx li ghandhom ibaghtu l-htija l-konvenuti f'dan ir-rigward. Din il-Qorti tqis l-aktar figuri attendibbli fir-rigward tal-VAT li ghalihom kellhom jirrispondu l-konvenuti huma dawk ipprezentati minn Paul Scicluna rapprezentant tad-dipartiment tal-VAT, waqt is-seduta tat-13 ta' Marzu, 2017, fejn irrizulta li ghalkemm Daytona giet suggetta ghall-penali ta' €24,058 u interessi ta' €4,790, total ta' €28,849.60, ghall-perjodu 2003-2010, izda bbenefikat ukoll mill-iskemi li kien hemm (amnestija tal-Gvern) sabiex kien hemm remissjoni ta' €17,736. Ix-xhud jispjega li effettivament Daytona hallset €10,000 u €2,808.58 bhala penali u interessi (total ta' €12,808.58). Huwa dan it-total ta' <u>€12,808.58 </u>li s-socjetajiet attrici baghtew bhala danni reali konsegwenza ta' dewmien fis-sottomissjoni tad-denunzji u l-hlas ta' taxxi, ghaz-zmien li ghalih kienu responsabbli l-konvenuti.

**Taxxa**

F'dan il-kaz il-Qorti qeghda tistrieh fuq ix-xhieda ta' John Micallef in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u d-dokument esebit minnu bhala Dok. JM3 a fol. 818 tal-process, minn fejn jirrizulta li Daytona wehlet bhala penali ghad-dewmien fis-sottomissjoni tad-denunzji tat-taxxa is-segwenti: €2,082 ghas-sena ta' stima 2005, €815 ghas-sena ta' stima 2008, €50 ghas-sena ta' stima 2009 u €1,500 ghas-sena ta' stima 2010, bhala s-snin li kien inkarigat il-konvenut. Dawn jaghmlu total ta' €4,447. Din il-figura ma tinkludix imghaxijiet (ara Dok. JM2 a fol. 804 tal-process). Issa mill-istess ftehim bejn il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u Godfrey Saliba jirrizulta li effettivament bis-sahha tal-iskema dwar tnaqqis fil-multi u l-imghax, inhafru 85% tal-multi u imghaxijiet, sabiex b'hekk Daytona kellha thallas <u>€3,606</u> f'dan ir-rigward.

**MFSA**

Ghalkemm il-konvenut John Zammit esebixxa xi rcevuti li permezz taghhom isostni li l-ircevuti jixhdu li dawn ir-*returns* dahlu fiz-zmien, jibqa' l-fatt li dawn ir-*returns* kienu

neqsin minn diversi aspetti u ghalhekk xorta nkorrew penali ghad-dewmien. Mill-provi ma rrizultax li dawn il-multi nhafru. Mix-xhieda ta' Dr Claudette Fenech in rapprezentanza tal-MFSA, rrizulta li Daytona kellha bhala hlas pendenti €693.04 bhala penali ta' dewmien fis-sottomissjoni ta' returns, li minnhom €522.90 jirrizultaw relevanti ghaz-zmien li John Zammit kien responsabbli. Inoltre mid-dokumenti esebiti bhala Dok. CF2 (a fol. 84 *et seq* tal-process) jirrizulta wkoll li saru hlasijiet ta' €2,017.61 relativi ghaz-zmien li kien responsabbli l-konvenut John Zammit. Dawn il-multi ghalhekk jammontaw ghal €2,540.51.

Kwindi fil-kaz ta' Daytona, t-total ta' danni huwa €12,808.58 + €3,606 + €2,540.51= €18,955.09. Il-konvenuti ghandhom jaghmlu tajjeb ghal nofs din is-somma, jigifieri **€9,477.55.**

**Profiles**

**VAT**

Mid-dokumenti pprezentati mir-rapprezentanti tad-Dipartiment tal-VAT (Dok. AX5 ipprezentat minn Roberto Formosa a fol. 251 u Dok. PS7B ipprezentat minn Paul Scicluna a fol. 853 tal-process), jirrizulta li Profiles kellha thallas bhala penali u interessi, totali ta' €4,515.67, li minnhom tnaqqsu €3,612 skont l-iskema tal-Budget 2012. B'hekk Profiles effettivament hallset €903.31.

**Taxxa**

F'dan il-kaz il-Qorti qeghda tistrieh fuq ix-xhieda ta' John Micallef in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u d-dokument esebit minnu bhala Dok. JM3 a fol. 819 tal-process, minn fejn jirrizulta li Profiles nkorriet bhala penali ghad-dewmien fis-sottomissjoni tad-denunzja tat-taxxa is-segwenti: €279 ghas-sena ta' stima 2005, €279 ghas-sena ta' stima 2006, €279 ghas-sena ta' stima 2007, €279 ghas-sena ta' stima 2008, €1,000 ghas-sena ta' stima 2009, €800 ghas-sena ta' stima 2010, u €400 ghas-sena ta' stima 2011, bhala s-snin li kien inkarigat il-konvenut. Dawn jaghmlu total ta' €3,316. Wara li din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-ftehim bejn Antoinette Saliba u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar tnaqqis ghas-snin 2009-2011 u tinnota li ma jirrizultax li gie esebit ftehim simili ghas-snin 2005 sa 2008, il-Qorti qeghda tillikwida *arbirio boni viri* dan l-ammont fis-somma ta' €1,500.

**MFSA**

Mix-xhieda ta' Dr Claudette Fenech in rapprezentanza tal-MFSA, rrizulta li Profiles ghandha thallas il-bilanc ta' €2,768.09 bhala penali ta' dewmien fis-sottomissjoni ta' returns, filwaqt minn Dok. CF1 (a fol. 68 *et seq*) jirrizulta li saru hlasijiet ta' €128.59 ghaz-zmien li kienu responsabbli l-konvenuti. Kwindi t-total dovut taht dan il-kap huwa ta' €2,896.68.

Isegwi li fil-kaz ta' Profiles, it-total ta' danni huwa €903.31 + €1,500 + €2,896.68 = €5,299.99. Il-konvenuti ghandhom jaghmlu tajjeb ghal nofs din is-somma, jigifieri **€2,650.**

In kwantu ghall-ispejjez li nkorrew is-socjetajiet attrici stante li nkarigaw l-awditur Joseph Dingli sabiex jaghmel il-verifiki mehtiega dwar il-pendenzi kollha mad-Dipartimenti ghall-fini ta' din il-kawza li jammontaw ghal €3,540, din ukoll ghandha titqies bhala spiza li ghandha tinqasam bejn il-partijiet bin-nofs, kwindi l-konvenuti ghandhom jaghmlu tajjeb ghal **€1,770**.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti limitatament fil-konfront tal-konvenuta Anna Zammit, bl-ispejjez ta' din il-konvenuta jibqghu a karigu tas-socjetajiet attrici u tichadha fil-bqija, spejjez a karigu tal-konvenuti; tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti bl-ispejjez ta' din l-eccezzjoni kontra tal-istess konvenuti; u

tilqa' t-talbiet attrici in parte, fis-sens li tiddikjara lill-konvenuti John Zammit u Finance Management & Consultancy Limited huma responsabbli ghan-nofs id-danni subiti mis-socjetajiet attrici; tillikwida d-danni pagabbli mill-konvenuti John Zammit u Finance Management & Consultancy Limited fis-somma ta' €13,897.55 u tikkundanna lill-istess konvenuti ihallsu d-danni hekk likwidati in solidum bejniethom. B'dan illi l-imghax legali jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza, kunsidrat li l-likwidazzjoni tad-danni qeghda ssir illum.

Il-bqija tal-ispejjez jinqasmu wkoll bin-nofs bejn is-socjetajiet attrici u l-konvenuti John Zammit u Finance Management & Consultancy Limited.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur